

32006R0974

L 176/68

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

30.6.2006

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 974/2006**tad-29 ta' Ġunju 2006**

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 877/2004 li jiġipreskrivi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 dwar notifika ta' prezziġiet irreggistrati fis-swieq għal-ċertu frott u ħaxix frisk

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-frott u l-ħxejjex tal-ikel⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(2) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 877/2004⁽²⁾ jistabbi-líxxi lista ta' swieq rappreżentattivi li fihom parti sostanziali tal-produzzjoni nazzjonali ta' prodott stabbilit hi kummerċjalizzata matul is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni jew matul wieħed mill-perjodi li fihom hi maqsuma din is-sena.
- (2) Fil-Ġermanja, kien hemm ċaqliqa fis-suq rappreżentattiv minn Schleswig-Holstein għal Nordrhein-Westfalen.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' Ġunju 2006.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 877/2004 għandu għalhekk jiġi emendat f'dan is-sens.

(4) Il-miżuri provvduti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Frott u l-Ħaxix tal-ikel,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 877/2004, għall-prodott “Karrotti” is-suq “Schleswig-Holstein (DE)” għandu jiġi ssostitwit bis-suq “Nordrhein-Westfalen (DE)”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblizzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

*Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni*

⁽¹⁾ ĠU L 297, 21.11.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 47/2003 (ĠU L 7, 11.1.2003, p. 64).

⁽²⁾ ĠU L 162, 30.4.2004, p. 54.